MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 881/2014

**i) M.&R. Investments Limited (C34205)**

***u***

**ii) M.&R. Holdings Limited (C30612)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-8 ta` Ottubru 2014 li jaqra hekk –

*1) Illi permezz ta` kuntratt pubbliku tas-16 ta` Dicembru 2005, ippubblikat min-Nutar Dottor Roberta Bisazza, is-socjeta` esponenti M.&R. Investments Limited akkwistat minghand is-socjeta` Northside Company Limited il-fond li jismu Villa Chapelle u accessibbli minn grada tal-hadid bin-numru hmistax (15), Mosta Road, ukoll imsejha Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, inkluz parti mill-gnien u l-art madwar l-istess imsemmija Villa Chapelle u dan kif ahjar deskritt fl-att tal-akkwist de quo li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata Dok MR1 ;*

*2. Illi permezz ta` kuntratt pubbliku iehor, tas-16 ta` Dicembru 2005, ippubblikat min-Nutar Dottor Roberta Bisazza, is-socjeta` esponenti M.&R. Holdings Ltd akkwistat minghand is-socjeta` Northside Company Limited : i) blokk ta` flats jismu "Jacaranda Apartments", accessibbli fuq Ramon Street, San Pawl il-Bahar, li nbena fuq porzjon ta` art diviza maghrufa bin-numru 34 mill-artijiet imsejha "Ta` Gharbuna" ; ii) il-parti li tigi mit-tielet filata 'l fuq mil-livell tal-gnien ta` fond jismu Villa Chapelle, f`Mosta Road, imsejha wkoll Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, tal-kejl superficjali ta` ghoxrin punt tmienja metri kwadrati (20.8 m.k.) konsistenti f`kamra u l-arja taghha ; u iii) porzjon ta` art li tikkonfina mit-Tramuntana mal-gnien anness mal-Villa Chapelle, mill-Punent ma` beni ta` Tony Cremona, mil-Lvant in parti ma` GT Court u ghandha kejl ta` cirka tnejn punt tnejn tmiem (2.2T) u cioe` 2737.02m$^2$ u dawn kif ahjar deskritti fl-att tal-akkwist de quo li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata Dok MR2 ;*

*3. Illi s-socjetajiet esponenti talbu u ottjenew permess tal-izvilupp sabiex inter alia fuq is-sit de quo u senjatament il-proprjetajiet deskritti f`paragrafi numru 1 u 2 (li ghal fini ta` referenza ser jigu riferuti kumplessivament bhala "Villa Chapelle"), tibni numru ta` appartamenti u garaxxijiet. Dan il-permess (PA 2084/05) (Dok MR3) gie*

*approvat wara process li kien anke jinvolvi appell (vide decizjoni tal-appell datata 7 ta` Frar 2012 – Dok MR4) ;*

*4. Illi gara li ricentement u meta issa s-socjetajiet esponenti poggew dawna l-appartamenti fuq is-suq ghal bejgh, gie skopert illi fuq il-proprjeta`, ossija fuq xi partijiet mill-Villa Chapelle, ghad hemm privilegg specjali, bin-numru 4610/1985, li kien iskritt mis-socjeta` Northside Company Limited (il-predecessur fit-titolu tal-esponenti) a favur ta` Chapelle Complex Co Ltd (C4892) u dan in garanzija ta` pagament ta` Lm25,000. Kopja ta` nota tal-insinwa minn fejn jirrizulta dan il-privilegg specjali qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok MR5 ;*

*5. Illi ghal xi raguni injota ghall-esponenti, dan il-privilegg specjali ma kienx irrizulta meta kienu saru r-ricerki fil-mument li s-socjetajiet esponenti kienu qed jakkwistaw minghand Northside Company Limited ;*

*6. Illi malli dan l-ahhar huma saru jafu bl-ezistenza ta` dan il-privilegg, ir-rapprezentanti tas-socjetajiet esponenti kkuntattjaw mill-ewwel lil Anthony Sammut (I.D. 1081846M) li huwa d-direttur ta` Northside Company Limtied, li kien sorpriz li dan il-privilegg ghadu fis-sehh, stante li huwa kien hallas id-dejn u l-interessi kollha hafna snin ilu lill-Bank of Valletta plc hekk kif delegat mill-istess Chappelle Complex Co Ltd. Di fatti dan id-dejn kien ukoll garantit bin-numru ta` kambjali mahruga minn Northside Company Limited, liema kambjali (li kienu ggirati minn Chappelle Complex Ltd lill-Bank of Valletta plc skont il-ftehim) kollha gew ritornati lill-istess Northside Company Limited, stante li d-dejn thallas fl-intjier tieghu. Is-Sur Sammut ipprovda kopja ta` dawn il-kambjali mhallsa lill-esponenti. Madankollu, bhala stat ta` fatt dan il-privilegg jidher li qatt ma gie kancellat.*

*7. Illi minn ricerka li saret mar-Registratur tal-Kumpanniji, jirrizulta li Chappelle Complex Co Ltd, li a favurha hemm dan il-privilegg, kienet giet registrata fit-28 ta` Frar 1980 (vide statut anness u mmarkata Dok MR6) u t-tliet azzjonisti taghha kienu Jack Farrugia, Michael Gatt, u Edward Cassar, li wkoll kienu diretturi taghha ;*

*8. Illi mbaghad din is-socjeta` giet xjolta nhar id-29 ta` Dicembru 1988 u dan skont avviz ipprezentat lir-Registratur tas-Socjetajiet nhar is-17 ta` April 1989 (kopja tal-avviz annessa u mmarkata Dok MR7). Qed tigi annessa wkoll rizoluzzjoni fejn l-azzjonisti ta` Chappelle Complex Co Ltd iddecidew li jillikwidaw is-socjeta` u jahtru lis-Sur Anthony R. Valvo bhala stralcjarju u lis-Sur Anthony J. Cassar bhala awditur ghall-iskopijiet tal-likwidazzjoni (Dok MR8), u kif ukoll l-avviz tal-appuntament tal-likwidatur (Dok MR9) ;*

*9. Illi jirrizulta illi nhar it-2 ta` Frar 1990 is-Sur Anthony Valvo rrizenja mill-kariga tieghu ta` likwidatur, b`dana li ghal xi raguni l-ittra tar-rizenja tieghu giet registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji nhar is-17 ta` Marzu 2011 – vide ittra u timbru relattiv Dok MR10 ;*

*10. Illi nhar il-25 ta` April 2011, ir-Registratur intimat ippubblika avviz ai termini tal-Art. 325(3) tal-Att dwar il-Kumpaniji li fi zmien tliet xhur mid-data tal-avviz l-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd kien ser jithassar minn fuq ir-registru (Dok MR11) ;*

*11. Illi effettivament l-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd gie mhassar b`decizjoni ippubblikata nhar il-25 ta` Lulju 2011 mir-Registratur intimat (Dok MR12) ;*

*12. Illi ghaldaqstant, l-esponenti li ghandhom kull interess sabiex jitolbu t-thassir gudizzjarju tal-privilegg specjali li baqa` ngustament jiggrava fuq il-proprjeta` taghhom, ma jistghux jippromwovu l-azzjoni relattiva qabel mal-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd jerga` jitqieghed fuq ir-registru tal-kumpanniji ;*

*13. Illi l-esponenti umilment jissottomettu illi t-tqeghid mill-gdid tal-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd huwa l-uniku rimedju li huma jista` jkollhom sabiex jippromwovu l-kawza opportuna ghat-thassir gudizzjarju tal-privilegg specjali de quo ;*

*Ghaldaqstant is-socjetajiet esponenti, inkwantu persuni nteressati, umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u / jew provvediment opportun :*

*1) Tiddikjara u tiddeciedi illi huwa xieraq li l-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd abbinat man-numru tar-registrazzjoni C4892 jerga` jidhol fir-registru tal-kumpanniji ;*

*2) Tordna konsegwentement illi l-istess isem ossija Chappelle Complex Co Ltd abbinat man-numru tar-registrazzjoni C4892 jerga` jidhol fir-registru tal-kumpaniji, u taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni u previsti fil-ligi f`kaz bhal dan ;*

*3) Taghti dawk id-direzzjonijiet u l-provvedimenti necessarji, sabiex il-kumpannija Chappele Complex Co Ltd abbinat man-numru tar-registrazzjoni C 4892 titqies li kompliet bl-ezistenza taghha u tkompli hekk tezisti sakemm is-socjetajiet esponenti jippromwovu l-azzjoni ghat-thassir tal-privilegg specjali bin-numru 4610/1985 u jottjenu decizjoni definittiva u ezekuzzjoni tal-istess.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-intimat fl-10 ta` Novembru 2014 u li taqra hekk –

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali tal-kawza billi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrenti huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi s-socjeta` Chappelle Complex Co. Ltd. (C 4892) kienet giet registrata fit-28 ta` Frar 1980 taht l-Ordinanza. Sussegwentement l-imsemmija socjeta` kienet giet xolta taht ir-regolamenti tal-istess Ordinanza fid-29 ta` Dicembru 1988. Madankollu l-istralcjarju, illi kien gie appuntat wara x-xoljiment tas-socjeta`, kien baghat lir-Registratur avviz ta` rizenja tieghu de quo b`effett mit-2 ta` Frar 1990.*

*Illi ghaldaqstant is-socjeta` in kwistjoni, minkejja li kienet tinsab fi stat ta` xoljiment, spiccat minghajr stralcjarju ghal diversi snin. Dan il-fatt wassal lir-Registratur sabiex, ai termini ta` Artikolu 325(3), jippubblika fuq il-website mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum avviz illi tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba ma tinweriex ragun biex issir il-kuntrarju, jitqies illi jkun gie mitmum. Konsegwentement l-isem tal-kumpannija jkun jista` jigi mhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji u kull attiv taghha jghaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta. Fil-frattemp ir-Registratur ha hsieb illi jibghat bil-posta kopja tal-avviz pubblikat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*Illi peress illi r-Registratur ma giex notifikat bl-ebda oggezzjoni ghal tali thassir u minhabba li kien skada t-terminu preskritt mil-ligi li fih ir-rikorrenti setghu juru l-interess taghhom illi l-kumpannija tibqa` fuq ir-registru, fil-25 ta` Lulju 2011, huwa pproceda sabiex jippubblika l-avviz illi l-isem tal-kumpannija kien gie mhassar minn fuq ir-registru b`effett minn dakinhar.*

*Illi l-Artikolu 325(4) ikompli sabiex jipprovdi, inter alia, illi jekk persuna li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess u li thossha aggravata bil-fatt illi l-isem tal-kumpannija jkun gie mhassar minn fuq ir-Registru l-Qorti fuq rikors maghmul minn persuna nteressata, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni tat-thassir, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru tordna illi ssir dan. Fil-kaz odjern ir-Registratur umilment jissolleva illi hu min-naha tieghu mhuwiex qed joggezzjona illi l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq illi ghandu jsir dan. L-esponent jixtieq ikompli umilment jissottometti illi dan ir-rimedju ghandu jsir taht provedimenti u termini specifici sabiex jigi evitat illi jitpoggew lura fuq ir-registru kumpanniji b`nuqqasijiet kbar viz-a-viz l-Att dwar il-Kumpanniji ghal tul ta` zmien bla bzonn.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet ix-xiehda ta` Mario Borg fl-udjenza tat-18 ta` Novembru 2014.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**II.** **L-Art.325 tal-Kap.386**

**Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli. L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd (C4892) abbazi tat-tielet (3) subartikolu. Fil-procediment tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li l-isem tal-kumpannija de qua jitqieghed mill-gdid fir-registru abbazi tas-subartikolu erbgha (4). Huwa ben evidenti illi s-subartikoli l-ohra ma jghoddux ghall-kaz tal-lum. Unikament ghall-fini ta` kompletezza, din il-Qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha.**

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista' jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f 'Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta' l-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(3) Jekk, f'xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b'sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta, avviz li f'eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta' l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta' tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra*

*li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga' jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija*

*ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew*

*fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista' jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità,*

*jekk il-kaz, ta' kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta' kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl- Ordinanza.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Irrizulta li Chappelle Complex Co Ltd (C4892) kienet xjolta fid-29 ta` Dicembru 1988 u allura meta kien fis-sehh il-Kap 168. Kien appuntat stralcjarju li in segwitu rrizenja b`effett mit-2 ta` Frar 1990. Minflok l-istralcjarju li rrizenja ma saritx hatra ta` sostitut. Minhabba dawn l-inadempjenzi, l-intimat, bhala regolatur, kellu bizzejjed ragun biex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem ta` dik il-kumpannija minn fuq ir-registru skond is-subartikolu (3) tal-Art.325. Jidher illi l-intimat segwa l-procedura kollha prevista mil-ligi. U ghaliex l-inadempjenzi ppersistew, skatta t-thassir ta` l-isem tal-kumpannija de qua mir-registru. Din il-Qorti tghid illi kien ippruvat ghas-

sodisfazzjon taghha, u sal-grad rikjest mil-ligi, illi kien gustifikat l-intimat fl-azzjonijiet li ha. Ghalhekk tkun xi tkun id-decizjoni tal-Qorti, l-intimat m`ghandux ibati spejjez.

Ghar-rigward tal-kaz tal-lum, wara li qieset ir-ragunijiet illi gabu r-rikorrenti, liema ragunijiet kienu konfermati bil-gurament minn Mario Borg, u wara li hadet konjizzjoni tad-dokumenti li jsostnu l-istanza, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrenti jikkwalifikaw bhala persuni li ghandhom *interess* skond is-subartikolu (4) li jipprocedu ghal rimedju minn din il-Qorti billi jirrizulta li sfaw aggravati bit-thassir tal-isem tal-kumpannija de qua mir-Registru.

Il-Qorti hija sodisfatta illi jekk jibqa` registrat il-privilegg de quo, meta l-provi juru li dak il-privilegg messu thassar snin ilu, ir-rikorrenti qeghdin ibatu pregudizzju. Tinnota li r-rikorrenti mexxew tempestivament bl-azzjoni tal-lum entro l-hames (5) snin mill-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir hekk kif saru jafu bil-privilegg li ghal xi raguni, mhux imputabbli ghal xi nuqqas da parti tar-rikorrenti, ma kienx irrizulta fir-ricerki.

Il-Qorti hija sodisfatta wkoll li sabiex jiksbu t-tnehhija tal-privilegg, ir-rikorrenti jridu jassikuraw *in primis* li l-isem tal-kumpannija de qua, li favur taghha kien registrat il-privilegg, jerga` jidhol fir-Registru. Bl-isem registrat mill-gdid, ir-rikorrenti jkunu jistghu jipprocedu fil-qrati b`azzjoni *ad hoc* kontra l-kumpannija de qua sabiex jottjenu t-thassir tal-privilegg. Ghalhekk il-Qorti ma tarax triq ohra ghar-rikorrenti ghajr il-procediment tal-lum biex jaslu ghal dak li llum qieghed ikun ta` pregudizzju ghalihom.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa` t-talba tar-rikorrenti sabiex l-isem tal-kumpannija de qua jerga' jidhol fir-Registru, mhux biss ghaliex l-intimat mhuwiex qieghed jirregistra opposizzjoni, izda fuq kollox ghaliex bil-fatt li bl-isem jibqa` imhassar, il-posizzjoni tar-rikorrenti tkun pregudikata, u dan m`ghandux ikun. Fl-istess waqt, ghaliex tifhem id-dmirijiet u l-esigenzi regolatorji tal-intimat, din il-Qorti qeghda tipprovdi li l-isem tal-kumpannija de qua ghandu jerga` jidhol fir-Registru ghal zmien ta` mhux aktar minn sentejn mil-lum. Fl-applikazzjoni tal-ligi, din il-Qorti qeghda tfittex bilanc kemm jista` jkun gust bejn l-interessi tar-rikorrenti u tal-intimat.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda, bl-applikazzjoni tal-Art.325(4) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, tipprovdi hekk -**

**1. Tiddikjara li hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd, li kien abbinat man-numru ta` registrazzjoni C4892, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna li l-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bin-numru ta` registrazzjoni C4892 u jdum hekk registrat sa zmien sentejn mil-lum.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat (7) ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta' dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien sebat (7) ijiem mid-data illi fiha r-Registratur tal-Qrati jikkonsenjalu kopja ufficjali ta' dan l-ordni, jirregistra l-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd (C4892) fir-Registru tal-Kumpanniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni, dik il-kumpannija ghandha titqies li kompliet l-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**5. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd (C4892) fir-Registru tal-Kumpanniji, ighaddi biex jippubblika avviz fuq il-*website* mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`dawn il-Gzejjer, fejn jiddikjara illi l-isem tal-kumpannija Chappelle Complex Co Ltd (C4892) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**6. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta' dan il-procediment inkluz dawk tal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------